**4 ta' April, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

John Mary Pace

*versus*

Emmanuele Pace

## Pussess – Detenzjoni – Azzjoni ta' Spoll

*L-"Actio Spolii" hija indikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilità soċjali milli fuq il-prinċipju assoluta ta' Ġustizzja. L-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili huwa inudbbjament ta' ordni pubbliku, u huma inerenti għall-fatt ta' min b'awtorità privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalhekk jista' jkollu dritt għalih, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati.*

*Peress illi l-attur irnexxilu jipprova r-rekwiżiti ta' l-azzjoni t-talba tiegħu ġiet milqugħa mill-Qorti.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-7 ta' Lulju 1986 li biha l-attur ippremetta illi l-konvenut abusivament u mingħajr ebda dritt validu fil-liġi għalaq id-dħul ta' l-attur għall-għalqa tiegħu f'Wied Dalam, Birżebbuġa billi bil-gaffa qala' l-art u tella' ċint; u b'hekk qiegħed jimpedixxi lill-attur milli jagħmel użu mir-raba' tiegħu msemmi u anke biex jagħlef u jieħu ħsieb l-annimali tiegħu fl-istess post;

Illi l-konvenut inutilment ġie nterpellat biex iġib kollox fl-istat pristinu tiegħu;

Illi l-konvenut ikkommetta dan l-għemil illegali tiegħu f'dawn l-aħħar xahrejn; prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun talab li, għar-raġunijiet premessi:

(1) il-konvenut jiġi kkundannat li fi żmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti jġib kollox fl-istat pristinu tiegħu; u in difett

(2) li l-attur jiġi awtorizzat jagħmel dan ix-xogħol huwa

a spejjeż ta' l-istess konvenut – fiż-żewġ taħt id-direzzjoni ta' periti eliġendi;

B'*riżerva* għal kull azzjoni għad-danni kompetenti lill-attur;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ġunju 1986, tal-mandat ta' inibizzjoni tas-26 ta' Ġunju 1986 u tar-rikors li għamel l-attur għad-disprezz ta' l-Awtorità tal-Qorti tat-2 ta' Lulju 1986;

Rat id-dikjarazzjoni u l-*lista* tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-14 ta' Ottubru 1986 li biha eċċepixxa:

"(1) Illi l-konvenut ma għamel l-ebda għemil illegali u għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-isepjjeż;

(2) Salvi eċċezzjonijiet oħra."

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni odjerna hija dik ta' spoll kontemplata taħt l-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) liema artikolu jiddisponi-li:

"(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mnezza' mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-

ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-Qorti, ukoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll;''

Kif sewwa ġie ritenut mill-Qrati tagħna (ara Vol. XLIII-973) *in re* ''Margherita Fenech vs Pawla Zammitt'' deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' April 1958 u dottrina u ġurisprudenza estera hemm ċitata) in tema legali jingħad li l-*''actio spolii''* hija indikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilità soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja;

Illi fil-fehma tal-Qorti l-attur irnexxilu jipprova l-elementi meħtieġa għall-azzjoni odjerna u ċjoè li huwa kien ilu jippossjedi għal xi sentejn, ġie spoljat fis-26 ta' Ġunju 1986 u aġixxa billi ppreżenta ċ-ċitazzjoni fis-7 ta' Lulju 1986 fiż-żmien ta' xahrejn preskritt mil-liġi;

Illi d-difiża tal-konvenut li huwa qala' r-rampa għax xi terzi oġġezzjonaw għaliha mhiex sostenibbli legalment peress li ġie konstantement ritenut (ara re Camilleri vs Agius deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru 1882):

*''All'attore in reintegrazione è sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione anche talora privo di causa giuridica''*... Kif ingħad *in re* ''Camilleri vs Giglio'' deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Jannar 1883 (Koll: X p. 556)

– *"neanche è permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia "animo domini" o no, perchè la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto e si concede anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenca la cosa altrui"*.

Issa l-attur kellu pussess li anke kieku t-terzi kellhom dritt bħala proprjetarji li jopponuh huma stess ma kinux intitolati li jipprivawh minnu kif għamel il-konvenut iżda kienu jkunu obbligati jadixxu *l-Qrati* u mhux *jiddisturbaw il-pussess ta'* l-attur kif għamel il-konvenut, li ċertament bil-fatt li qabad u neħħa r-rampa spolja lill-attur;

U hija eminentement intiża sabiex tkun estiża protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;

L-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa indubbjament ta' ordni pubbliku, u huma inerenti għall-fatt ta' min b'awtorità privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalih, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati;

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna, huma, fil-qosor dawn li sejrin jiġu relatati;

L-attur kien jidħol fl-għalqa tiegħu f'Wied Dalam, Birżebbuġa minn rampa magħmula mill-konvenut li l-konvenut stess jammetti li kien għamilha biex igħaddi minn fuqha l-attur, fost oħrajn. Imbagħad il-konvenut, billi terzi persuni

oġġezzjonaw għal din ir-rampa stante li ġiet allegatament mibnija mingħajr ebda dritt, qalagħha u b'hekk l-attur ġie spoljat mill-pussess tiegħu li jirriżulta anke rikonoxxut mill-kuntratt tas-27 ta' Mejju 1985 fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin bejn il-kontendenti u ħuthom oħrajn;

Ikkunsidrat:

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut biex a spejjeż tiegħu jġib kollox fl-istat pristinu tiegħu fi żmien perentorju *ta'* xahar u dan taħt id-direzzjoni ta' l-A.I.C. David Pace, u f'każ li jgħaddi inutilment it-terminu prefiss lill-konvenut, tawtorizza lill-attur jagħmel ix-xogħol meħtieġ hu stess taħt id-direzzjoni ta' l-istess Perit, a spejjeż tal-konvenut;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.